Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 270 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Christabelle Chetcuti

Vs

Paul Gladwish

Illum 14 ta' Gunju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Paul Gladwish detenur tal-karta tal-identita' Maltija 191745 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn Jannar 2018 u Frar 2018 f' My Nest, 35, Triq ix-Xehda, M' Scala, minghajr il-hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita d-dritt li ppretenda li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu nnifsu lil xi had jhallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Stephanie Borg fil-pussess ta' hwejjigha b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 85 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Sabet lill-imputat hati; Ikkundannatu ghal €1000 multa;

Ordnatlu inehhi l-inkonvenjent fi zmien tmint ijiem mill-lumm u fin-nuqqas tawtorizza lill-Pulizija tnehhieh a spejjez tieghu (Art. 377 (5)) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Paul Gladwish, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex b' referenza ghall-artiklu 419 sub-artiklu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sub-inciz (c) tal-istess Kodici Kriminali, din il-Qorti ghandha thassar din is-Sentenza li qed tigi appellata, wara li formalment tirrevokaha, billi :

(i) Fl-ewwel lok ma rrizultawx bl-ebda mod l-elementi ta' tehid ta' pussess a bazi tal-artiklu 85 sub-artiklu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (kuncett ta' Ragion Fattasi), u dan ' il ghaliex l-istess persuna li ressqet il-Kwerela ossija l-Parte Civile esebiet Kuntratt fl-Atti tal-Kawza li turi bic-car ghax ammettietu hi stess li hemm Kawza pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn l-Appellanti u l-mara tieghu qeghdin jitolbu li dak il-Kuntratt jigi dikjarat null u nvalidu, ineffettiv u mhux enfrozabbli;

(ii) Minn imkien ma rrizulta mis-smiegh tal-provi mressqa li l-Appellanti Paul Gladwish spussessa ossija ha l-pussess minghand Stephanie Borg ta' xi haga li kienet taghha, billi kull ma effettivament ghamel l-Appellanti kien illi f' partijiet tal-bini tieghu li jappartjeni lilu huwa ha l- mizuri biex ma jkunx hemm access ghalihom minn terzi persuni li ma kellux il-pjacir l-istess Appellanti li dawn it-terzi persuni jaccedu ghal partijiet fil-proprjeta' tieghu li ma riedhomx b' xi mod jidhlu fiha jew ikollhom x' jaqsmu maghha. U ghaldaqstant l-ingredjenti tal-artiklu 85 sub-artiklu (1) ma rrizultawx u dan peress illi l-Appellanti bl-ebda mod ma ha l-pussess ta' hwejjeg Stephanie Borg b' xi mod kontra l-ligi jew indahal fil-hwejjeg taghha. Huwa ezercita d-dritt li ovvjament kellu fuq l-istess proprjeta' tieghu;

(iii) Illi oltre ma kien hemm ebda bazi ghala fic-cirkostanzi l-Appellanti kellu jigi kkundannat elf Ewro multa (€1,000) u aktar u aktar ma hemm ebda bazi la fattwali u lanqas legali illi l-Qorti kif ippresjeduta setghet tinvoka l-artiklu 377 sub-artiklu (5) tal-Kapitolu 9 billi dak is-sub-artiklu jaghmilha cara l-procedura li trid tigi esegwita mill-pulizija meta fic-cirkostanzi ma setax u ma sarx ebda rikors da parti tal-istess Pulizija.

Illi fic-cirkostanzi kwalsiasi spejjez ghandhom jigu sapportati mill-Parte Civile li kienet hi li ghamlet dan ir-Rapport bla ebda bazi fattwali u legali w ghaldaqstant l-Appellanti ghandu jigi liberat minghajr ma jkun responsabbli ghal ebda forma ta' spejjez.

**TALBA ALTERNATTIVA GHAT –TAHSIR**

Illi, jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali thoss illi t-Talba precedenti ghat-tahsir tas-Sentenza Appellata ma jkollhiex bazi legali u fattwali, din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qeghda tigi umilment mitluba mill-Appellant sabiex is-Sentenza appellata tinbidel fis-sens illi fic-cirkostanzi u mehud in konsiderazzjoni l-fatt li hemm Kawza pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-Imputat bl-ebda mod ma ghandu jigi ikkundannat b' xi multa imma se mai jigi dirett x' ghandu jaghmel fic-cirkostanzi konsiderando li t-tezi tal-Appellanti hija li kull struttura li ghamel fil-proprjeta' immobiljari ndikata tappartjeni lilu u bl-ebda mod ma hija proprjeta' jew kienet fil-pussess tal-Parte Civili Stephanie Borg.

Illi ulterjorment certament ma hemm ebda bazi la bhala stat ta' fatt u lanqas fil-ligi ghala l-Ewwel Qorti tal-Magistrati bir-rispett kollu kellha tinvoka l-artiklu 377 sub-artiklu (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi hemm procedura specifikament indikata fil-Kodici Kriminali ta' x' ghandha taghmel il-Pulizija, procedura li ma hemm ebda dubju li l-Pulizija fic-cirkostanzi la ghamlet u lanqas setghet ghamlet.

Tant ghandu umilment x' jissottometti l-Appellanti Paul Gladwish : ID number 0191745 M ghas-savju gudizzju ta' din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-Appellanti hass ruhu aggravat minn din is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali u dan ghas-segwenti ragunijiet :-

Illi fl-ewwel lok Stephanie Borg meta ddeponiet fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) esebiet kopja tal-Kuntratt indikat u fejn qalet li a bazi ta'dak il-Kuntratt hija kellha dritt li taccedi ghal fond appartament allegatament mixtri minnha permezz tal-Kuntratt indikat ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Debono. Illi essenzjalment dan ma huwiex il-kaz 'il ghaliex l-Appellanti qed isostni li l-Kuntratt huwa invalidu w ghaldaqstant sakemm ikun hemm ezitu fil-proceduri quddiem il-Qorti li ghalihom saret referenza, dawn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali qatt ma kellhom jigu intavolati.

Illi Stephanie Borg li kienet hi li ghamlet il-Kwerela tramite l- Konsulent Legali taghha kienet taf bil-Kawza Civili kif jippruvaw ir-Risposta Guramentata taghha f'dik il-Kawza u ghaldaqstant kienet taf illi l-pretenzjonijiet taghha li hi ghandha dritt ghal access tal-fond immobiljari allegatament mixtri minnha kienu qed jigu kkontestati quddiem il-Qorti, u effettivament kull ma ghamel l-Appellanti kien illi fil-partijiet li jappartjenu lilu f'dan il-blokk ta'appartamenti, huwa ha l-prekawzjonijiet biex ma jkun hemm ebda invazjoni fihom minn terzi persuni illi d-dritt taghhom ta'access jekk kien il-kaz qed jigi kkontestat b'Kawza Civili quddiem il-Qorti Kompetenti, kif hawn fuq indikat.

Illi minn imkien ma rrizulta li l-Appellanti kellu xi hsieb illi jezercita d-dritt li pretenda li ghandu, billi fil-verita'l-Appellanti kellu dritt li jaghmel dak illi ghamel, u se mai l- Qorti tal- Magistrati kellha tahtar Perit Arkitett u Inginier Civili biex imur jezamina l-fond de quo a bazi tal-kontenut tal-Kuntratt li gie esebit quddiem l-Ewwel Qorti, biex il-Qorti tassigura jekk kienx hemm xi abbuz da parti tal-Appellanti minn dan l-allegat dritt li l-akkuza kienet tghid ipretenda illi kellu l-Appellanti meta effettivament huwa kellu dan id-dritt ghax hu s-sid tal-partijiet li huwa b'xi mod ghamel xi strutturi fuqhom. U kwindi ma fixkel lil Stephanie Borg fil-pussess ta'ebda hwejjeg taghha, billi minn imkien ma rrizulta li fejn ghamel l-istrutturi l-Appellanti ma kienux jappartjenu lill-istess Appellanti, u li certament Stephanie Borg ma kellha x'taqsam xejn maghhom. Allura ma setax l-Appellanti indahal fi hwejjeg tal-istess Stephanie Borg.

Illi fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt sabet lill-Appellanti hati skont l-artiklu 85 sub-artiklu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta u kwindi ma kien hemm ebda raguni valida illi l-Appellanti jigi kkundannat elf Ewro multa ((€1,000).

Illi l-aggravju qieghed ukoll 'il ghaliex il-Qorti tal-Magistrati "ordnat lill-Appellanti inehhi l-inkonvenjent fi zmien tmint ijiem minn jum it-Tnejn, 11 ta'Gunju, 2018 u fin-nuqqas awtorizzat lill-pulizija tnehhi l-inkonvenjent a spejjez tal-istess Appellanti u dan a bazi tal-artiklu 377 sub-artiklu (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta meta effettivament jekk ahna naraw is-sub-artiklu (5) tal-artiklu 377 tal-Kodici Kriminali dan jghid espressament "il-Qorti ghandha, fuq rikors f'dak is-sens mill-pulizija f'kull zmien wara li persuna tkun instabet hatja ta'reat f'kaz ta'raguni li tinholoq wara jew, f'kull kaz iehor, wara li jghaddi z-zmien moghti mill-Qorti skont is-sub-artiklu (3) jew (4), tawtorizza lill-pulizija biex tnehhi kull dizordni jew inkonvenjent li ghalih ikun jirreferixxi r-reat a spejjez tal-hati, f'liema kaz il-hati jista'jigi mgieghel ihallas l-ispiza b'Mandat mahrug mill-istess Qorti".

Illi jirrizulta ovvju mill-artiklu 377 sub-artiklu (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta li l- Ewwel Qorti bir-rispett kollu ma setghetx taghti dik l-ordni biex 'fi zmien tmint ijiem mill-11 ta'Gunju, 2018, fin-nuqqas da parti tal-Appellanti, awtorizzat lill-pulizija tnehhih hi l-inkonvenjent a spejjez tal-istess Appellanti, meta s-sub-artiklu (5) tal-artiklu 377 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li l- ewwel u qabel kollox irid ikun isir rikors mill-pulizija u dan 'f'kull zmien wara li persuna tkun instabet hatja ta'reat f'kaz ta'raguni li tinholoq wara jew, f'kull kaz iehor, wara li jghaddi z-zmien mghoti mill-Qorti'.

Illi ghaldaqstant din il-parti tas-Sentenza tmur *ultra vires* mis-setghat tal-Magistrat Sedenti u dan bir-rispett kollu.

Illi, ghaldaqstant, fic-cirkostanzi Paul Gladwish ghandu jigi lliberat billi ma rrizultawx l-elementi li b'xi mod jiggustifikaw l-objettivi wara l-artiklu 85 sub-artiklu

(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta u aktar u aktar dwar il-multa li giet imposta fuq l-Appellanti u l-ordni lill-pulizija meta hemm procedura appozita kif il-Pulizija jistghu jaghmlu hekk anka kif dettata mill-istess sub-artiklu (5) tal-artiklu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat illi l-Appellanti hass ruhu aggravat minn din is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan ghas-segwenti ragunijiet :-

Illi fl-ewwel lok Stephanie Borg meta ddeponiet fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) esebiet kopja tal-Kuntratt indikat u fejn qalet li a bazi ta' dak il-Kuntratt hija kellha dritt li taccedi ghal fond appartament allegatament mixtri minnha permezz tal-Kuntratt indikat ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Debono. Illi essenzjalment dan ma huwiex il-kaz ' il ghaliex l-Appellanti qed isostni li l-Kuntratt huwa invalidu w ghaldaqstant sakemm ikun hemm ezitu fil-proceduri quddiem il-Qorti li ghalihom saret referenza, dawn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali qatt ma kellhom jigu intavolati.

Illi Stephanie Borg li kienet hi li ghamlet il-Kwerela tramite l- Konsulent Legali taghha kienet taf bil-Kawza Civili kif jippruvaw ir-Risposta Guramentata taghha f' dik il-Kawza u ghaldaqstant kienet taf illi l-pretenzjonijiet taghha li hi ghandha dritt ghal access tal-fond immobiljari allegatament mixtri minnha kienu qed jigu kkontestati quddiem il-Qorti, u effettivament kull ma ghamel l-Appellanti kien illi fil-partijiet li jappartjenu lilu f' dan il-blokk ta' appartamenti, huwa ha l-prekawzjonijiet biex ma jkun hemm ebda invazjoni fihom minn terzi persuni illi d-dritt taghhom ta' access jekk kien il-kaz qed jigi kkontestat b' Kawza Civili quddiem il-Qorti Kompetenti, kif hawn fuq indikat.

Illi minn imkien ma rrizulta li l-Appellanti kellu xi hsieb illi jezercita d-dritt li pretenda li ghandu, billi fil-verita' l-Appellanti kellu dritt li jaghmel dak illi ghamel, u se mai l- Qorti tal- Magistrati kellha tahtar Perit Arkitett u Inginier

Civili biex imur jezamina l-fond de quo a bazi tal-kontenut tal-Kuntratt li gie esebit quddiem l- Ewwel Qorti, biex il-Qorti tassigura jekk kienx hemm xi abbuz da parti tal-Appellanti minn dan l-allegat dritt li l-akkuza kienet tghid ipretenda illi kellu l-Appellanti meta effettivament huwa kellu dan id-dritt ghax hu s-sid tal-partijiet li huwa b' xi mod ghamel xi strutturi fuqhom. U kwindi ma fixkel lil Stephanie Borg fil-pussess ta' ebda hwejjeg taghha, billi minn imkien ma rrizulta li fejn ghamel l-istrutturi l-Appellanti ma kienux jappartjenu lill-istess Appellanti, u li certament Stephanie Borg ma kellha x' taqsam xejn maghhom. Allura ma setax l-Appellanti indahal fi hwejjeg tal-istess Stephanie Borg.

Illi fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt sabet lill-Appellanti hati skont l-artiklu 85 sub-artiklu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi ma kien hemm ebda raguni valida illi l-Appellanti jigi kkundannat elf Ewro multa ((€1,000).

Illi l-aggravju qieghed ukoll ' il ghaliex il-Qorti tal-Magistrati "ordnat lill-Appellanti inehhi l-inkonvenjent fi zmien tmint ijiem minn jum it-Tnejn, 11 ta' Gunju, 2018 u fin-nuqqas awtorizzat lill-pulizija tnehhi l-inkonvenjent a spejjez tal-istess Appellanti u dan a bazi tal-artiklu 377 sub-artiklu (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta effettivament jekk ahna naraw is-sub-artiklu (5) tal-artiklu 377 tal-Kodici Kriminali dan jghid espressament "il-Qorti ghandha, fuq rikors f' dak is-sens mill-pulizija f' kull zmien wara li persuna tkun instabet hatja ta' reat f' kaz ta' raguni li tinholoq wara jew, f' kull kaz iehor, wara li jghaddi z-zmien moghti mill-Qorti skont is-sub-artiklu (3) jew (4), tawtorizza lill-pulizija biex tnehhi kull dizordni jew inkonvenjent li ghalih ikun jirreferixxi r-reat a spejjez tal-hati, f' liema kaz il-hati jista' jigi mgieghel ihallas l-ispiza b' Mandat mahrug mill-istess Qorti".

Illi jirrizulta ovvju mill-artiklu 377 sub-artiklu (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l- Ewwel Qorti bir-rispett kollu ma setghetx taghti dik l-ordni biex ' fi zmien tmint ijiem mill-11 ta' Gunju, 2018, fin-nuqqas da parti tal-Appellanti, awtorizzat lill-pulizija tnehhih hi l-inkonvenjent a spejjez tal-istess Appellanti,

meta s-sub-artiklu (5) tal-artiklu 377 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li l-ewwel u qabel kollox irid ikun isir rikors mill-pulizija u dan ' f' kull zmien wara li persuna tkun instabet hatja ta' reat f' kaz ta' raguni li tinholoq wara jew, f' kull kaz iehor, wara li jghaddi z-zmien mghoti mill-Qorti' .

Illi ghaldaqstant din il-parti tas-Sentenza tmur ultra vires mis-setghat tal-Magistrat Sedenti u dan bir-rispett kollu.

Illi, ghaldaqstant, fic-cirkostanzi Paul Gladwish ghandu jigi lliberat billi ma rrizultawx l-elementi li b ' xi mod jiggustifikaw l-objettivi wara l-artiklu 85 sub-artiklu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u aktar u aktar dwar il-multa li giet imposta fuq l-Appellanti u l-ordni lill-pulizija meta hemm procedura appozita kif il-pulizija jistghu jaghmlu hekk anka kif dettata mill-istess sub-artiklu (5) tal-artiklu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **WPS 41 E Rizzo** fejn spjegat li nhar id-29 ta' Jannar, 2018 u nhar it-23 ta' Frar, 2018 il-pulizija tad-distrett ta' Haz Zabbar ircevew kwerela minghand il-kwerelanti Stephanie Borg fejn intalbu jiehu passi kontra l-appellant wara li dak Gladwich kien sakkar il-meter tad-dawl tal-komun billi ghamel hadida fuq l-meter bil-konsegwenza li d-dawl tal-komun ma jistax jintuza.

Fit-tieni kwerela, li ntbaghtet fit-23 ta' Frar, 2018 gew mgharfa li nhar it-22 ta' Frar, 2018 ghall-habta tal-11.30a.m l-appellant sakkar l-entratura tax-xaft, liema xaft huwa propjeta' tal-komun fejn hemm is-servizzi kollha ghaddejjin.

Ghalhekk ghamlet kuntatt ma Stephanie Borg u din giet mitluba taghmel rapport formali mal-pulizija.

Nhar l-24 ta' Frar, 2018, Stephanie Borg irraportat l-ghassa ta' Haz Zabbar fejn din stqarret li hija ghandha appartament u cioe fil-fond 38, My Nest, Triq ix-Xhieda M'Scala u appuntu l-flat internament markat numru 4, li kienet xtrat minghand l-appellant u madwar xahar u nofs qabel ghal xi raguni mhux mgharufa dan sakkar il-

meter tad-dawl billi ghamel hadida fuq il-meter, bil-konsegwenza li d-dawl tal-komun ma jistax jintuza meta skond il-kuntratt li ffirmaw datat 19 ta' Jannar, 2017 iffirmat quddiem in-Nutar Joseph Debono hija ghandha dritt ghal komun daqs kemm ghandu l-appellant.

Ziedet ukoll li fit-22 ta' Frar, 2018 missierha Carmel Borg ra lill-appellant isakkar l-entratura ghax-xaft liema xaft huwa proprjeta' tal-komun fejn hemm servizzi kollha ghaddejjin bhal katusi tad-dranagg, kanen tal-ilma ecc.

Wara hafna tentattivi sabiex l-appellant jigi mitkellem mill-pulizija nhar is-17 ta' Marzu, 2018 l-appellant gie mitkellem fuq iz-zewg kwereli li gew mibghuta mill-kwerelanti. Dan stqarr li l-meter tad-dawl huwa tieghu u jekk hemm xi problema rigward l-entratura tax-xaft, qallha biex tinforma lil kwerelanti tkellem lil avukat tieghu.

A bazi ta dawn ir-rizultanzi l-pulizija harget l-akkuzi relatttivi.

Rat l-okkroenza esebita fl-atti redatta minn WPS 41 Elaine Rizzo esebita fl-atti a fo. 4.

Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2018 xehdet il-**kwerelanti Stephanie Borg** liema xhieda pero ma gietx dattilografata. Hija esebiet zewg dokumenti li gew markati bhala dok SB li huwa l-kuntratt ta' akkwist taghha ghal proprjeta My Nest, Triq ix-Xhieda, M'Scala u dok SB1 konsistenti f'numru ta' ritratti li jindikaw l-agir tal-appellant u cioe' li pogga hadida fuq il-meter tad-dawl u ilma, li pogga katnazz mal-bieb li jghati ghax-xaft biex impedixxa l-access u ritratt iehor fejn pogga bieb tal-aluminium sabiex jimpedixxi l-access ghall-kwerelanti ghall-proprjeta' taghha.

Stephanie Borg pero' xehdet quddiem din il-Qorti nhar is-26 ta' Jannar, 2019 u kkonfemrat li lejn l-ahhar ta' Jannar 2018 l-appellant pogga hadida mal-meter taghha fil-komun biex ma jkollhiex dawl fil-komun u in ssegwitu tghid li ghamel katnazz fl-ahhar ta' Frar fuq bieb li jghati ghax-xaft biex b'hekk ma jkollhiex acces ghax-shaft fejn hemm il-pajpiet u servizzi ohra.

Spjegta li kif jirrizulta mill-kuntratt esebit fl-atti markat bhala dok SB hija xtrat il-proprjeta f'din l-blokka bl-arja b'kollox u dan minghand l-istess appellant li impedilha dan l-acces. Qalet li sakemm xtrat il-post f'M'scala kienet tghix haz Zabbar

mal-genituri taghha pero kienet tinzel M'scala kul tant biex tistudja hemm u anke biex tirrangah. Mistoqsija jekk ghamlitx xi xoghol fil-flat taghha tghid iva u li in effetti hemm anke l-appliances godda u peress li m'ghandhiex access dawn mhux qed jithadmu.

Tghid ukol lli meta kien sar il-kuntratt l-appellant ma hax ic-cwievet tal-fond mieghu allura missieha mar mieghu wara l-iffirmar tal-kuntratt u l-appellant wera lill-missierha liema kien il-meter taghha u liema huma tal-komun tant li il-meter inqaleb minn fuq l-appellant ghal fuqha.

Qalet li hija kellha access ghal flat taghha sa l-ahhar ta' Frar 2018 ghaliex minn meta l-appellant ghamel bieb tal-aluminium li impedilha l-access ghas-sular taghha . Illi ghandha biss access sa fejn hemm il-meters fil-komun. Qalet ukoll li fil-mori ta' dan l-appell pogga ukoll grada.

Spjegat li fil-flats ma jkunx hemm nies ghaliex il-flat 1 u 3 jappartjenu lil xi Germaniz li jigi Malta ftit, il-flat numru 2 jappartjeni lil Taljan li ukoll jigi Malta kultant u hija ghandha il-flat numru 4. Filwaqt li l-appellant jghix in Naxxar.

Mistoqsija jekk ghandhiex access ghax-xaft tghid li m' ghandhiex minhabba c-cavetta li pogga l-appellant mal-bieb kif muri fir-ritratt esebit. Mistoqsija jekk ghandheix kopja ta' din ic-cavetta tghid li m'ghandhiex u hu appuntu ghalhekk li m'ghandhiex access.

Tghid li l-appellant pogga l-bieb fl-indana li taghti ghal flat taghha lejn l-ahhar ta' Frar u dan hu bic-cavetta u tghid li ukoll m'ghandhiex kopja tac-cavetta ta' din il-lock u m'hemm l-ebda mod iehor kif tista taccedi l-flat taghha.

Tghid li hija irceviet ukoll ittri ta' theddid fejn l-appellant qallha li kien ser ikompli b'dan l-agir u jaghmel iktar.

Ikkonkludiet li minkejja li xrat il-post taghha ilha ma ikollha access ghall-perijodu ta' sena u minhabba l-agir tal-appellant qed tghix mal-genituri taghha.

Fit-23 ta' Mejju 2019, l-kwerelanti regghet xehdet in kontro esami u kkonfermat li l-kuntratt ta' akkwist sar fl-ufficini tal- APS u prezenti kien hemm apparti hija kien hemm missierha, l-appellant u martu bhala vendituri, in-Nutar tal-APS u rappresentant tal-APS. Qalet li la hi u lanqas l-appellant ma kien assistit b'avukat.

Tghid li mhux vera li fil-mument tal -biegh l-appellant ma riedx ibiegh il-post u li qalulu li jekk ma jiffirmax kien ser jigi espost ghal Danni kbar. Mistoqsija jekk qatt dahlet fil-post li eventwalment xtrat tghid li iva pero mhux minn meta ghalqilha l-access. Tikkonferma li verament l-appellant fetah zewg kawzi civili minhabba l-kuntratt ta' akkwist u dawn ghadhom pendenti.

Fil-11 ta' Gunju, 2018 xehed missier il kwerelanti **Carmel Borg** quddiem l-Qorti tal-Magistrati (Malta) pero ix-xhieda tieghu ma gietx dattilografata u ghalhekk rega xehed mill-gdid quddiem din il-Qorti nhar is-26 ta' Jannar, 2019. Spjega li lejn l-ahhar ta' Frar, 2018 kien mar fil-fond li kienet xtrat bintu Stephanie u cioe fil-fond 38 flat 4 Triq ix Xhieda, M'scala u dan sabiex ihaddem l-affarijiet . L-ewwel darba sab hadida mal-meter tal-komun u kien irrporta lil bintu dwar dak li kien sab u sa fejn jaf hu bintu ghamlet rapport ghand il-pulizija. Jghid li f'okkazjoni mar biex jidhol fil-flat u sab bieb tal-alumiium li impedilu l-access. Dan il-bieb kien fl-ewwel indana u b'hekk ma jstax jitla fuq ghall- indana fejn hemm il-bieb tal-flat tat-tifla. Mistoqsi jekk hemmx xi access iehor ghal dan l-appartament jghid li ma hemmx .

Spjega ukoll li l-appellant ghamel toqba fis-sliding door li jaghti ghax-xaft minn fejn jghaddu is-servizzi u pogga cavetta fuq il-katnazz u kopja tac-cavetta ma jafx li ta lil-bintu.

Muri r-ritratti esebiti fl-atti jghid li dawn huma ritratti li juru dak li ghadu kemm xehed dwaru. Ikkonferma li l-access li ghandhom illum huwa sa fajn hemm il-meters fil-komun u imkien iktar .

Jghid li bintu xtrat il-flat biex tmur tghix go fih pero presentement qed tghix maghhom. Qal li minn l-ahhar ta' Frar 2018 'l quddiem ma kellhomx aktar access ghal flat.

Fit-23 ta' Mejju, 2019 xehed l-appellant **Paul Gladwich** wara li kien gja xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u x-xhieda tieghu ma gietx dattilografata. Dan jghid li waqt li kien qed isir il-kuntratt fl-ufficcju tal-APS induna li l-kuntratt kien bl-ingliz u hu ma jifhimx bl-ingliz u ghalhekk ma riedx jifffirma l-kuntratt imma qalulu li kellu jiffirma minhabba fin-nuqqas jigi espost ghal danni kbar u ghalhekk iffirma taht pressjoni ghax beza.

Meta kien qed isir il-kuntratt in- Nutar qallu kellu izomm is-somma ta' hamest elef liri Maltin (LM5,000) ghaliex kien hemm mandat ta' sekwetru fuqu mahrug minn Schembri brothers. Huwa jghid li ma riedx li n-Nutar izomm dawn il-flejjes ghaliex fil-fatt kien gja hallashom izda cio' nonnostante in-Nutar baqa' ghaddej il-kuntratt sar bl-ghajjat u bi pressjoni kbira.

Qal li ma Schembri hu ma irrangax tant li hemm kawza il-Qorti u ghadu sa illum ma hax il- hamest elef liri Maltin (Lm 5,000).

Qal li huwa ghadda ic-cavetta tal-post li xtrat l-kwerelanti. Qal li pero' li meta induna bil-qerq li kien hemm ipprezenta ittra ufficcjali u wara kawza sabiex ikun hemm ir-recissjoni tal-kuntratt ta' akkwist, liema kawza ghadha pendenti sa illum.

Huwa minnu li huwa ghamel il-bieb u imepdixxa lill-kwerealnti milli tidhol fil-flat taghha izda dan ghamlu sabiex ma tghamilx hsara fil-prorpjeta li qed jippretendi li jiehu lura. Huwa minnu wkol illi pogga il-hadida mal-meter u anke li pogga katnazz mal-bieb li jghati ghax-xaft. Mhux hekk izda ghamel ukoll grada fuq barra sabiex il-kwerelanti ma tidholx fil-blokka. Kopja tac-cwievet ma tahiex. Mistoqsi jekk qatt tkellem mal-kwerelanti wara din il-kawza jghid li ma tkellimx aktar maghha.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kaz udan fl-istess seduta tat-23 ta Mejju 2019.

Ikkunsidrat.

Ili l-fatti in breve ta' din il-kawza huma s-segwenti:-

1.Illi nhar it-28 ta Novembru 2016 l-appellant biegh appartament enumerate internament numru 4 fi blokk appartamenti numru 38, Triq ix-Xhieda, M'scala lill-kwerelanti.

2. Illi dan il-kuntratt sar fl-ufficcini tal APS u dan ghaleix l-kwerealnti kellha tiehu loan biex thallas lill-appellant

3. Illi l-kwerelanti bdiet taghmel xi xoghol f'dan l-appartament bl-intendiment li tmur tghix go fih.

4. Illi bejn Jannar u Frar 2018 l-appellant qabad u ippriva lill-kwerelanti mit-tgawdija taghha ta' l-uzu tal-meters tad- dawl u ilma u dan billi qabad u pogga hadida biex b'hekk m'ghandiex uzu tal-meters, pogga katnazz bi cavetta fil-bieb tal-aluminium li

jghati ghax- xaft biex b'hekk m'ghandhiex aktar access ghax- xaft minn fejn jghaddu s-servizzi kollha u pogga bieb tal-aluminium fl-indana qabel ma titla ghall appartament taghha biex b'hekk l-kwerelanti hija priva milli tidhol fil-flat taghha.

5. Illi dawn l-azzjonijiet huma kollha ammessi mill-appellant waqt li iddepona quddiem din il-Qorti.

6. Ili l-appellant jghid li illlum hemm zewg kawzi civili pendenti ghar rexissjoni tal-kuntratt u ghamel dak li ghamel sabiex jipprotegi l-appartament li huwa qed jippretendi li ser jiehu lura.

Ikkunsidrat,

Illi l-apellant interpona appell ghaliex jemmen li l-elementi ta' tehid ta' pusess a bazi tal-artikolu 85 ma jissusistix u dan ghaliex l-kwerealnti stess ammettiet li illum hemm kawza pendent civili bejnha u bejn l-appellanti In oltre ighid li ma jirrizultax li fl-atti hemm xi prova li l-appellanti spussessja lill-kwerealnti billi kull ma ghamel ghamlu fil-komunu fl-ebda hin ma ha hwejjeg tal-kwerelanti.

Rat illi l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant hati tar-reat ta' ragion fattasi kif dispost fl-artikolu 85 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi huwa qabad u pogga hadida mal-meter in komun, pogga cavetta u katnazz mal-bieb tal-aluminium li jaghti ghax-xaft u pogga bieb shih tal aluminium fl-indana li taghti ghall-indana fejn l-kwerelanti ghandha l-appartametn taghha u b'hekk ippriva lill-kwerealnti minn kul access li hij akellha qabel u li kienet tgawdi konnessa mat tgawdija tal-proprjeta taghha gewwa M'scala.

Din l-offiza giet klassifikata mill-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin- **Notes on Criminal Law** fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:

*'These crimes attack the State but indirectly, in as much as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Fi kliem il-gurista **Carrara** "*La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.*"

Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jhallix lill-individwu privat jezercita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-awtorita pubblika. (Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti) Huwa ghalhekk li listess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Micallef**[1], il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l- artikolu:

*"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il- Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."*

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza " **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**[2]. " bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; Il-

[11] Deciza 11 ta' Frar, 2013

[2] Deciza fl-14 ta' Ottubru 1944 u riportata f'Vol. XXXII.iv.768. Dawn l-elementi gew riportati f'sentenzi ohra fosthom Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et, deciza fit-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

gurista Carrara li hafna drabi jigi citat bhala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala *"un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ..."* Ikompli jghid li *"Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."*

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; jew,

fi kliem il-Crivellari, *"la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato"*[3]

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[4] .

Gie ritenut illi :

*"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha. "*

Fuq kollox:

*"L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."*

L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li listess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan irreat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu

[3] Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749

[4] Ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru

rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika[5].

Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said**[6] u **Il- Pulizija vs Vincent Cortis**[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li "*element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha.*"

Illi f'din il-kawza l-appellant qabad u ha l ligi b'idejh mhux darba izda f'aktar minn okkazjoni wahda u dan bi sfida lejn l-amministrazzjoni tal-gustizzja u dan ghaliex jekk l-appellant kellu xi pretensjoni fir-rigward ta' dan l-appartament li huwa biegh lill-appellant kif donnu jidher li hemm, tant li hemm zewg kawzi civili pendeni fis-sens li jixtieq jirrexxindi l-kuntratt ta' biegh messu agixxa "*ope magisterium*" billi stenna il-gudizzju tal-Qorti civili i, u mhux jaqbad u jippriva lill-kwerelanti mill-godiment intier tal proprjeta minnha mixtrija.

Illi l-argumenti li gab l-appellant fir-rikros tieghu u appuntu li hu ma ghamel xejn fil-hwejjeg tal-kwerelanti huma skoretti u dan ghaliex l-kweralnti ghandha kul ldritt li tgawdi il-komun kif ghandhom ir-esidenti l-ohra ta l-istess blokka. B'hekk il-kwerelnti ghandha kul dritt li ikollha dawk ulma fil-komun, li tghamel uzu mix xaft minn fejn jghaddu is-ervizzi kollha u li tidhol fl-appartament taghha liberament. Ghalhekk dak kollu li ghamel l-appellant u ammess minnu certament ghen biex ippriva lill-kwerealnti mill-godiment intier ta' hwejjigha.

---

[5] Ara f'dan is-sens is-sentenza Il-Pulizija vs Mario Lungaro, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali
fit-18 ta' Novembru 1996
[6] Deciza fis-19 ta' Gunju 2003.

[7] Deciza fis-27 ta' Novembru 2008

Minflok għażel li jieħu "*scoccatoia*" u di private braccio u minkejja d-dissens impliċitu tal-kwerelanti , aġixxa, għax kien jemmen li qed jaġixxi bi dritt, dritt li prima facie lanqas biss jidher li kellu. Ghalhekk dan ir-reat gie pruvat b'mod sodisfacenti.

**Dwar il-piena**

L-appellant issotni li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija wahda ecessiva. Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** [8] sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero' li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[9], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** [10]u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[11]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-

[8] Deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[10] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[11] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **<u>il-Pulizija vs. Joseph Attard</u>**[12], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi fil-kaz in desamina l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant multa ta' elf euro (€1,000) liema multa taqa' fil-parametri tal-ligi. Il-Qorti tqies il-hardship li l-appellant ikkawzat bl-agir tal-appellant lit tfjala l-kwerealnti li xtrat flat minghand l-istess appellant peremzz ta' loan u li fil-fatt halset il-pagamenti ghal dan il- loan ghall – perijodu ta' sena waqt li ma setghetx tghamel uzu mill-post li xtrat u dan ghaliex l-appellant ippretendi li ghandu dritt li jirrexindi il-kuntratt ta' biegh li huwa ghamel hija raguni serja u gustifikata 'l ghala m'ghandhiex ghalhekk ghalfejn tvarja l-piena inflitta

Illi dwar l-imposizjjoni tal-artikolu 377 (5) l-appellant jghid li l-wwel Qorti marret ultra vires meta applikat din id-dispozijoni tla-ligi. Jinghad li d-difiza ghandha ragun u dan ghaliex is-sub inciz ma hux applikabbli ghaliex japplika biss meta isir rikors mill-kummissarju tal-pulizija lil Qorti meta dak li jkun ikun naqas li josserva l-ordni tal-Qorti.

Pero din Qorti tista' tapplika is-sub inciz (3) ta l-istess artikolu 377 li jipprovdi s-segwenti:-

(3) *"Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bihikun sar ir-reat, jew, skont iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu mal-liġi, fi żmien, biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jagħmel ir-reat jonqos li jħares xi ordni bħal dak fiż-żmienhekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati,ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu(4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrinċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqaswara li jgħaddi l-imsemmi żmien"*

[12] Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qeda tikkonferma is-sentenza moghtija kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll tal-piena qeda tordna lill-appellant inehhi l-inkonvenjent li huwa ghamel **fi zmien gimgha** m'illum liema inkonvenjent jikkonsisti filli inehhi l-hadida li pogga mal-meter tad-dawl u ilma, li inehhi il-katnazz li hemm mal-bieb li jghati ghax-xaft u li jnehhi il-bieb tal-aluminium li huwa ghamel fl-indana biex ippriva l-access lill-kwerelanti ghall-prorpjeta' taghha u dan ai termini ta' l-artikolu 377 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta u fin-nuqqas jigi kundannat ihallas ammenda ta' ghaxar euro kuljum sakemm idum pendent l-inkonvenjent..

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur